MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 761/1995/2

**Dr. Toni Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Spiteri Tiles Ltd. u b'nota tal-11 ta' Marzu 1999, George Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Spiteri Tiles Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Toni Abela.**

**vs.**

**Stephen u Helen konjugi Xuereb.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Gunju 1995 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm588.89) rapprezentanti prezz ta' rham mixtri minghand l-attur *nomine*;

Illi l-konvenuti debitament mitlubin jghaddu ghall-hlas baqghu inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-**artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**; u

2. Sussegwentement tikkundannhom ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm588,89 bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi;

Bl-ispejjes u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit li huwa mmarkat bhala Dok "A" u jikkonsisti fl-affidavit ta' l-attur Dr. Toni Abela, u dan kif jidher a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh fid-9 ta' Gunju 1995 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tad-19 ta' Gunju 1995

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo mid-19 ta' Gunju 1995 sas-7 ta' Marzu 1996.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 1 ta' Awissu 1995 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-irham konsenjat ma kienx tal-kwalita` u kwantita` pattwita.

2. Illi l-attur *nomine* kien ikkonceda li l-konsenja ma kenitx tal-kwalita` pattwita tant li kien obbliga ruhu li jiehu lura l-imsemmija konsenja, haga li baqa' sallum m'ghamilx;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 21 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri li saru mill-11 ta' Novembru 1996 sad-9 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza kienet dejjem differita ghar-rapport tal-perit tekniku hemm indikat fl-istess verbali.

Rat in-nota ta' George Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Spiteri Tiles Limited, datata 11 ta' Marzu 1999 a fol. 41 tal-process li biha assuma l-atti ta' din il-kawza ghan-nom ta' l-istess socjeta` attrici minflok Dottor Toni Abela.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta mill-21 ta' Novembru 2000 sat-22 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza dejjem giet differita ghar-rapport tekniku.

Rat l-avviz a fol. 54 tal-process fejn din il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-15 ta' Marzu 2002 u tal-4 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel

Cuschieri mit-3 ta’ Dicembru 2002 sal-14 ta’ Jannar 2005 fejn il-kawza giet dejjem differita ghar-rapport; tas-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport; tas-6 ta’ April 2006 fejn inhalef ir-rapport u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport; tal-11 ta’ Mejju 2005; tas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2005 fejn il-konvenuti indikaw li riedu jeskutu l-istess perit tekniku u l-Qorti hekk diversament presjeduta ordnat li l-istess konvenuta tipprezenta lista ta’ domandi, notifikati fi zmien utili lill-perit tekniku, li kellu verbalment jirrelata fis-seduta li kien imiss tal-11 ta’ Novembru 2005 fid-9.30.a.m.; tas-seduta tal-11 ta’ Novembru 2005 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-27 ta’ Jannar 2006 fl-10.30.a.m. ghall-ahhar darba ghall-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Frank Abela pprezentat fir-Registru fl-1 ta’ Marzu 2005 u mahluf *seduta stante* fis-6 ta’ April 2005 fejn ikkonkluda:-

*“Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti mhux gustifikati, kemm fir-rigward tal-kwalita` patwita peress li l-granit irrizulta ta’ kwalita` tajba, u peress illi x-xoghol fornut ghandu jithallas”.*

*“Illi stante li l-esponenti sab granit fornut bil-prezz ta’ Lm565.55, u l-prezz tal-‘Bianco Carrara’, li fuqu m’hemmx kontestazzjoni, huwa ta’ Lm370, jirrizulta li t-total kollu tal-kont kien Lm935.55, u thallas akkont Lm450, jibqa’ bilanc ta’ Lm485.55,. Ghalhekk l-esponenti jidhirlu li l-bilanc li ghad irid jithallas lill-attur mill-konvenuti huwa ta’ Lm485.55,”.*

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Tekniku Frank Abela, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati fl-istess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-27 ta’ Jannar 2006 u tal-15 ta’ Marzu 2006 (fol 146) fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ l-attur *nomine* datat 25 ta’ April 2006 a fol. 147 tal-process fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza u tpoggiha fuq il-lista tas-smiegh, wara li taghti l-opportuni provvedimenti. Il-Qorti kif hekk presjeduta, wara li ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta u rat li ma dahlet l-ebda risposta, laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-31 ta’ Ottubru 2006, kollox kif jidher a fol. 151 tal-process bid-digriet moghti fl-1 ta’ Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-31 ta’ Ottubru 2006 fejn deher Dr. Dominic Cassar ghall-attur *nomine*. Il-konvenuti u d-difensur taghhom issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux u peress li l-Qorti rat li d-digriet taghha tal-1 ta’ Gunju 2006 ma giex segwit, il-Qorti rrevokat l-istess digriet *“contrario mperio”*. Dr. Dominic Cassar talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2006.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjeta’ attrici qed titlob hlas fl-ammont ta’ Lm538.89 rappresentanti bilanc minn prezz ta’ rham mibjugh u fornit lill-konvenuti mis-socjeta’ attrici, li minn naha taghhom ecceppew li l-istess irham ma kienx tal-kwalita’ u kwantita’ pattwita.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu ghazlu tip ta’ granit li inaffetti kien ikkonsenjat skond il-kejl moghti lis-socjeta’ attrici minn hu l-konvenuta, certu Joseph Farrugia, li kien il-persuna li kellha tqieghed l-istess materjal li kellu jitqieghed fil-parapett u t-tarag tal-fond tal-

konvenuti, u l-prezz kien dak stabbilit bil-metru. Fil-fatt kien sar il-ftehim u l-istess materjal kien gie kkonsenjat skond il-qisien moghtija mill-istess konvenuti tramite l-imsemmi Joseph Farrugia, li fil-fatt wahhal jew qieghed il-materjal fl-istess fond tal-konvenuti, u ma saret ebda oggezzjoni qabel it-tqeghid li l-istess materjal fornit ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Illi mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Frank Abela jirrizulta li l-irham li gie kkonsenjat kien granit "Rosa Beta" u "Carrara White (Bianco)" u l-istess espert tekniku jghid li huwa ezamina l-materjal kemm fit-3 ta' Gunju 1999 u wkoll fit-23 ta' Ottubru 2004 u skond huwa ma sab xejn x'jindika li l-materjal fornit ma kienx tal-kwalita' pattwita, anzi jghid li minkejja z-zmien li ghadda minn fuqu l-istess materjal baqa' minghajr tbajja u gdim u hawn il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet tal-istess perit tekniku, fir-relazzjoni tieghu datata l-1 ta' Marzu 2005 u senjatament ghall-paragrafi 1 sa 5 a fol. 19 u 20 tar-relazzjoni tieghu (fol. 94 u 95 tal-process) fejn jikkonkludi li minn dak li ra *"ma jsib l-ebda raguni il-ghala l-attur m'ghandux jithallas tal-materjal fornut u jidhirlu li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti mhux gustifikati".*

Illi dwar l-ammont ta' materjal li gie fornit din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li hemm fl-istess relazzjoni peritali fejn jirrizulta li gie fornut, bil-kalkoli hemm indikati minn paragrafu 6 sa 10 ta' l-istess relazzjoni, mahdum kif hemm indikat, (u wkoll mid-*delivery orders* esebiti bhala Dok. "GS 6" u "GS 7" iffirmati mill-konvenuta – fol. 139 – 140) li l-valur ta' granit "Rosa Beta" ta' Lm565.55 u l-prezz ulterjuri ta' dak indikat bhala "Bianco Carrara" fl-ammont ta' Lm370 li jgibu total ta' Lm935.55, li minnu thallas akkont tal-prezz ta' Lm485.55, u ghalhekk dak l-ammont ta' Lm485.55 ghandu jithallas mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.

Illi huwa sintomatiku wkoll li fid-dawl ta' dan kollu jigi applikat il-principju li gja gie uzat minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (PA. (RCP) – 30 ta' April 2002) **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (PA. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) u **"Jox**

**Limited vs Stephen Pace et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-* ***artikolu 681 tal-Kap 12,*** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi din il-Qorti thoss li l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet teknici tal-istess perit tekniku fuq il-kwalita' ta' materjal fornit mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, anke *in vista*` ta' l-eccezzjonijiet moghtija, ma jistghux hlief jigu accettati mill-istess Qorti, u dan peress li ma hemm l-ebda dubju mill-istess relazzjoni li l-irham konsenjat kien dak tal-kwalita' pattwita u dak maghzul mill-istess konvenuti; dwar il-kwistjoni ta' allegati difetti – li hija *in verita'* kwistjoni ohra – dan ukoll ma giex ippruvat, anzi mir-relazzjoni peritali jirrizulta li l-istess irham kien dak ordnat u bla ebda difetti. Fl-ahharnett dwar il-kejl li gie fornit

jidher car li s-socjeta' attrici qed titlob li tithallas tal-materjal li attwalment gie fornit lill-konvenuti, u din il-fornitura tirrizulta li saret bla ebda dubju ta' xejn u ghalhekk ukoll il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku qed jigu hawn adottati f'din id-decizjoni.

Illi jinghad ukoll li dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenuti dawn ma gew bl-ebda mod ippruvati, u din il-Qorti thoss li wara li ezaminat ukoll ix-xhieda kollha prodotta f'dawn l-atti, l-versjoni moghtija mill-konvenuti ma giet bl-ebda mod ippruvata, anzi hija mhux biss kontradetta mir-rizultanzi peritali, izda wkoll din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni li ghamlu l-konvenuti li s-socjeta' attrici kellha tiehu x-xoghol lura, ma giet bl-ebda mod ippruvata, u dan meta kien l-oneru ta' l-istess konvenuti li jippruvaw dak li almenu huma stess kienu qed jallegaw. Jidher ukoll li l-ilmenti bdew isiru mill-konvenuta in partikolari wara li bdiet tircievi l-kontijiet ta' dak fornit lilha mis-socjeta' attrici u dan ikompli jsahhah il-kawza u t-tezi attrici.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-ammont ta' Lm485.55 bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' rham mixtri mill-konvenuti minghand is-socjeta' attrici u bl-imghax kummercjali skond il-ligi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenuti fl-24 ta' Lulju 1995 sal-effettiv pagament. (*vide* A.C. (VDG) (AD) (AJM) **"George Sladden vs Lonza Agius" –** 7 ta' Lulju 2006.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm485.55) bilanc minn

somma akbar rapprezentanti prezz ta' rham mixtri mill-konvenuti minghand is-socjeta' attrici bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenuti fl-24 ta' Lulju 1995 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------